# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 9 ta’ Mejju 2022

Nru : 12

Rikors Nru. **32/2021ISB**

**Unitrade Limited (C 9456) u Joseph Vincent sive Jovan Mizzi (K.I 340061M)**

**Vs**

**Desmond Mizzi (K.I 465463M) u D.M. Holdings Limited (C 8404) u Mizzi Group Limited (C 21948)** għal kull interess li jista’ jkollha

Il-Qorti :

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti tat-12 ta’ April 2021, bid-dokumenti hemmek annessi u mressaq ai termini tal-Artiklu 402 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta’ Malta u li permezz tieghu huma talba lil din il-Qorti sabiex:

i. ***Tordna** illi l-intimat Desmond Mizzi jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu ta' direttur tal-Kumpanija;*

ii. ***Tipprojbixxi** lill-intimat Desmond Mizzi, b'effett immedjat milli, personalment u / jew tramite terzi, direttament u / jew indirettament, jagħmel użu mir-riżorsi u assi tal-Kumpanija;*

iii. ***Tiddikjara** illi l-intimat Desmond Mizzi mexxa u qiegħed imexxi u x'aktarx ser ikompli jmexxi l-affarijiet tal-Kumpanija b'mod li l-atti u/jew ommissjonijiet kienu, huma u /jew x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux ġust u diskriminatorju kontra, u/jew b'mod mhux ġust għar-rikorrenti bħala azzjonist tal-Kumpanija u tal-Kumpanija nnifisha;*

iv. ***Tiddikjara** illi l-intimat Desmond Mizzi huwa responsabbli għad-danni sofferti mil-Kumpanija u mir-rikorrenti personalment;*

v. ***Tillikwida** d-danni sofferti u **Tordna** lill-istess intimat Desmond Mizzi jħallas lir-rikorrent kumpens ekwivalenti għal dawn id-danni hekk likwidati.*

vi. ***Tordna** dawk il-miżuri kollha, kemm ta' natura temporanja u kemm permanenti, li fiċ-ċirkostanzi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha meħtieġa sabiex jiġu protetti r-riżorsi u l-assi tal-Kumpannija u sabiex jiġi protett l-amministrazzjoni ta' l-istess kif ukoll tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni għat-tmexxija 'l quddiem tal-affarijiet tal-Kumpannija.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali a karigu tal-istess intimat Desmond Mizzi li qiegħed min issa inġunt in subizzjoni.*

U dan wara illi ppremettew is-segwenti:

1. *Illi r-rikorrenti Unitrade Limited hija azzjonista fis-soċjeta` intimata Mizzi Group Limited (il-"Kumpanija") b'ħamsa u għoxrin elf (25,000) sehem ordinarju. Ir-rikorrenti Joseph Vincent sive Jovan Mizzi huwa direttur tal-Kumpannija u l-azzjonista b'maġġoranza assoluta u direttur tas-soċjeta` rikorrenti Unitrade Limited. Għalhekk Jovan Mizzi huwa effettivament benefiċjarju ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-Kumpannija.*

2. *Illi l-intimat Desmond Mizzi huwa direttur fil-Kumpannija u huwa l-azzjonist u direttur uniku fis-soċjeta` intimata D.M Holdings Limited – liema soċjeta` hija l-azzjonista b'ħamsa u għoxrin elf (25,000) sehem ordinarju fil-Kumpannija. Għalhekk Desmond Mizzi huwa wkoll*

*benefiċjarju ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-Kumpannija. F'dan ir-rigward qed jiġu annessi ma dan ir-rikors estratt meħud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry ('UL1') u kopja tal-Memorandum and Articles tal-Kumpanija ('UL2').*

3. *Illi l-Kumpanija ġiet inkorporata f'Ottubru tas-sena 1997 sabiex tiġġestixxi n-negozju tal-familja Mizzi mibni mill-ġenituri tal-partijiet Jovan Mizzi u Desmond Mizzi li huma aħwa. In-negozju kien primarjament jikkonsisti fix-xiri, restawr u bejgħ ta' antikitajiet iżda maż-żmien l-aħwa espandew għal industriji oħra bħalma huma dawk tal-carpentry u bejgħ għamara moderna.*

4. *Illi l-Kumpannija eventwalment kellha wkoll numru ta' sussidjarji tagħha, fosthom is-soċjeta` Mizzi Antiques Limited (C 5794) li ġiet inkorporata fis-sena 1982 u li lura fiż-żmien kienet l-veicolu prinċipali tan-negozju tal-familja Mizzi.*

5. *Illi l-intimat Desmond Mizzi kien l-aħħar miż-żewġt aħwa li daħal fin-negozju fis-snin tmenin (1980s) u dan wara li negozju tiegħu personali ma ħaddieħor falla u l-ġenituri tal-partijiet għamlu tajjeb għal dejn sostanzjali tal-istess intimat Desmond Mizzi.*

6. *Illi maż-żmien l-intimat Desmond Mizzi approprija ruħu minn flejjes kbar tal-Kumpannija li għamel tiegħu sabiex jissodisfa l-ħajja stravaganti tiegħu u saħansitra anke keċċa min-negozju lill-omm il-partijiet.*

7. *Illi lejn l-aħħar tas-snin disgħin l-intimat Desmond Mizzi stess kien issuġġerixxa li hu ħa shareholders loan ta' mitejn elf liri maltin (Lm 200,000) u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar kien evidenti li l-aħwa ma setgħux jaħdmu flimkien u li kellhom jieħdu triqat indipendenti.*

8. *Illi din l-opportunita` waslet fis-sena elfejn (2000) meta l-intimat ressaq ftehim komplut lir-rikorrenti, permezz ta' liema l-intimat kellhu jinvolvi terz, ċertu Mariella Scerri, u kien ser jixtri sehem ir-rikorrenti billi jħallilu l-binja magħrufa bħala @240, Zabbar Road, Fgura. Il-ftehim li ġie eventwalment iffirmat fis-sena elfejn u wieħed (2001), kopja ta' liema qed jiġi hawn anness u mmarkat 'UL3', kien fil-fatt jipprovdi li din il-binja kellha tiġi trasferita lir-rikorrenti fi żmien sentejn (2) mill-ftehim u li għal dawk is-sentejn (2) ir-rikorrenti kellhu dritt jiġbor l-kera hu mingħand l-inkwilin fl-ammont ta' circa ħmistax-il elf liri maltin (Lm 15,000) fis-sena.*

9. *Illi l-intimat Desmond Mizzi kellhu ripensament u dan il-ftehim ma ssarrafx. Il-partijiet kaxkru sas-sena elfejn u ħamsa (2005) sabiex reġgħu iffirmaw ftehim ieħor li ġie msejjaħ Business Valuation and*

*Division / Restructuring Agreement, (il-"Ftehim") kopja ta' liema qed jiġi hawn anness u mmarkat 'UL4'.*

10. *Illi l-Ftehim tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kien ibbażat fuq erba' (4) prinċipji:-*

- *Il-Partijiet qasmu l-assi u d-djun tal-Kumpannija f'żewġ lottijiet, kull parti ħadet lott konsistenti f'assi u djun (vide klawsola 1.6 tal-Ftehim tal-2005 "UL4").*

- *Kull parti kellha tamministra l-lott tagħha fl-interess tagħha sa mill-cut-off date stabbilita, ċioe il-31 ta' Marzu 2005 'il quddiem.*

- *Kull parti sa mill-31 ta' Marzu assumiet personalment l-obbligu li tħallas id-djun ta' MGL formanti parti mil-lott allokat lilu;*

- *Il-formalitajiet sabiex iż-żewġ lottijiet jgħaddu effettivament għand il-partijiet tħalliet f'idejn tliet (3) mandatarji speċjali li kellhom jissorveljaw l-eventwali xoljiment u likwidazzjoni ta' MGL wara li ssir valutazzjoni taż-żewġ lottijiet u tiġi determinata ekwiparazzjoni ekwa u ġusta li tkun dovuta minn parti lill-oħra.*

11. *Illi l-lott ta' l-intimat Desmond Mizzi kien jikkonsisti fit-"trading", ċioe l-istock kollhu barra tliet items tal-antikitajiet li kellha l-Kumpannija, il-binja magħrufa @240, Zabbar Road, Fgura u parti mid-dejn li l-Kumpannija kellha tħallas lill-Bank HSBC Malta plc ("HSBC") ammontanti għal Lm 487,591.*

12. *Illi l-lott tar-rikorrenti kien jikkonsisti fi tliet items ta' stock, il- binja Millennia u parti mid-dejn li l-Kumpannija kellha tħallas lill-HSBC ammontanti għal Lm 810,607.12. Barra minn dan il-lott, ir-rikorrenti kellhu jirċievi wkoll b'titolu gratuwitu nofs il-proprjeta` residenzjali tiegħu fil-Kalkara li għal diversi raġunijiet kienet ġiet akkwistata minn sussidjarja tal-Kumpannija.*

13. *Dan kollhu li jingħad fil-premess huwa sostanzjat b'affidavit tar-rikorrenti u dokumenti annessi mal-istess, hawn anness u mmarkat bħala 'UL5'.*

*X'wassal għall-vertenza u l-proċeduri odjerni*

14. *Illi wara li l-intimat Desmond Mizzi assigura ruħu li biegħ a gwadann personali l-istock li ħa, ħoloq sensiela ta' intoppi lill-mandatarji sabiex jesegwixxu l-inkarigu tagħhom. Fost dawn il-kwistjonijiet fetaħ proċeduri*

*ġewwa l-Qorti1 fejn ilmenta li l-mandatarji kienu qed jaġixxu ultra vires meta l-mandatarji, li wrew dubju fil-valutazzjoni tal-lottijiet preparata mid-ditta KPMG, ħolqu mekkaniżmu sabiex l-istess lottijiet jiġu ttestjati fuq is-suq.*

15. *Illi nel frattemp, u minn wara dar ir-rikorrenti, fil-25 ta' Ġunju 2008, l-intimat Desmond Mizzi mar waħdu jirrappreżenta 'l Kumpannija, u mingħajr ma kien debitament awtorizzat, jikkonkludi żewġ atti pubbliċi msejħin "Acknowledgement of Debt" mal-HSBC fejn ftiehem waħdu mal-HSBC dwar l-ammonti tad-djun li l-Kumpannija kellha tħallas lill-HSBC – kemm dak id-dejn tal-Kumpannija li kien assuma li jħallas hu personalment fl-2005 u kif ukoll d-dejn li kien assuma fl-2005 ir-rikorrenti. Permezz ta' dawn l-atti, id-djun li fuqhom kienu jiddekorru interessi b'rati raġjonevoli bdew jinkorru interessi bl-ogħla rata possibbli. Kopja ta' dawn iż-żewġ atti qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'UL6a' u 'UL6b'.*

16. *Illi r-rikorrenti malli sar jaf b'dan ippreżenta protest ġudizzjarju fil-konfront tal-intimat bin-numru 282/2008, kopja ta' liema qed jiġi hawn anness u mmarkat 'UL7'.*

17. *Illi l-iskop ta' l-intimat Desmond Mizzi għall-atti tal-2008 sar evidenti fis-sena 2010. Nhar it-18 ta' Mejju 2010 reġa mar waħdu minn wara dahar ir-rikorrenti u kkonkluda att pubbliku msejjaħ "payment with subrogation" mal-HSBC permezz ta' liema jidher li l-intimat ħallas lill-HSBC id-dejn li kien jifforma parti mil-lott tiegħu filwaqt li ġie ssurrogat fid-drittijiet privileġġjati tal-Bank fil-konfront tal-Kumpannija. Kopja ta' l-att msemmija qed jiġi hawn anness u mmarkat 'UL8'.*

18. *Illi malli r-rikorrenti sar jaf b'dan hu bagħat ittra legali tramite l-avukat tiegħu dak iż-żmien Dr. Simon Tortell datata 7 ta' Settembru 2010 fejn talab li din is-surroga titħassar in kwantu li l-"pagament li sar ma jistax iġib miegħu ukoll is-surroga fi drittijiet tal-kreditur billi l-pagament kien dovut minn dak li ħallsu." Kopja ta' din l-ittra qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata 'UL9'.*

19. *Illi a bażi ta' din is-surroga, l-intimat Desmond Mizzi akkwista l-proprjeta` @240, Zabbar Road, Fgura, b'subbasta bħala tpaċija ma parti mid-dejn li skont hu dovut lilu mill-Kumpannija. Pertinenti ferm jingħad li dan l-akkwist sar animo compensandi għal prezz ta' disa' mitt elf ewro (€900,000) meta ftit snin qabel l-istess intimat Desmond Mizzi stima l-istess proprjeta` disa' mitt elf liri maltin (Lm 900,000).*

---

[1] *Desmond Mizzi et vs. Dr. Tonio Fenech pro et noe et* Rikors nru. 962/2006/1. Deċiża Qorti tal-Appell Superjuri 24.06.2011

20. *Illi dan ifisser li l-intimat Desmond Mizzi wara li ħallas dejn li assuma personalment li jħallas fil-Ftehim tal-2005, akkwista b'subbasta proprjeta` tal-Kumpannija li hu direttur tagħha bi tpaċija in parte ta' kreditu fantażma li skont hu kien dovut lilu u bi prezz redikolu.*

21. *Illi b'hekk l-intimat Desmond Mizzi mhux talli aġixxa ultra vires l-awtorita` tiegħu iżda wkoll b'massima mala fede u b'kunflitt lampanti ta' interess fejn ikkaġuna lill-Kumpannija u lir-rikorrenti dannu sostanzjali.*

22. *Illi sadattant ir-rikorrenti baqa' jirrispetta l-Ftehim tal-2005 u kien fiduċjuż li eventwalment jiġi esegwit u li l-mandatarji li l-aħwa ħatru lura fl-2005 kienu ser jieħdu dawn l-azzjonijiet kollha tal-intimat f'kunsiderazzjoni meta jiġu biex jespletaw l-inkarigu tagħħom u l-qasma xorta tkun ekwa mingħajr ħtieġa ta' aktar vertenzi u litigazzjoni ġewwa l-Qrati.*

23. *Għall-intimat Desmond Mizzi dan kollhu ma kienx biżżejjed. L-intimat Desmond Mizzi jrid jakkwista l-assi kollha tal-Kumpannija filwaqt li d-dejn iħallsu r-rikorrenti. Fost sensiela ta' proċeduri ġudizzjarji2 li jinsabu pendenti fejn l-intimat bla ebda mistħija jargumenta, inter alia, li l-tehim tal-2005 huwa null u qatt ma eżista, li hu qatt ma assuma responsabbilta` ta' xi dejn, li l-istock li ħa hu ma jiswa xejn u ma qala' xejn minnhu u li issa jmissu jieħu l-lott tar-rikorrenti, issa qed jippretendi wkoll li a bażi tas-surroga tal-2010 jakkwista bis-subbasta l-proprjeta` Millennia, Aldo Moro, Marsa. Kopja tar-rikors għall-qbid eżekuttiv u bejgħ bl-irkant qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'UL10'.*

24. *Illi r-realta` hi li llum ir-rikorrenti għandu jiġbor minn ta' l-anqas erba' miljun ewro konsistenti f'owelty u post-cut-off date differences3, jieħu l-binja 'Millennia' mingħand il-Kumpannija u kif ukoll porzjon mid-dar residenzjali tiegħu li għal raġunijiet ta' korrettezza, tinsab fuq Mizzi Antiques Ltd – sussidjarja tal-Kumpannija skont kif ukoll miftiehem fil-ftehim tal-2005 fi klawsola numru 1.5 – li vilment llum l-intimat qed jippretendi jieħu ukoll4.*

25. *Illi sadattant ir-rikorrenti kien kostrett jintavola żewġ proċeduri ġudizzjarji sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu. Permezz tal-ewwel proċedura, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiskrutinja l-aġir tal-mandatarji u tad-ditta KPMG fl-espletar tal-inkarigu tagħħom skont il-ftehim tal-2005. Kopja tar-rikors ġuramentat 852/2018FDP jinsab hawn anness u mmarkat 'UL13'. Permezz tat-tieni proċedura, ir-rikorrenti*

[2] *Desmond Mizzi v. Unitrade Ltd et* 921/2018FDP
*D.M Holdings Ltd et v. Unitrade Ltd et* 3/2019JZM
[3] *Vide* ittra ta' l-avukat Dr Peter Borg Costanzi ta' 2017 **UL11**
[4] *Vide* ittri … **UL 12**

*qiegħed jitlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara nulla u bla effett s-surroga tal-2010. Kopja tar-rikors ġuramentat 853/2018MH jinsab hawn anness u mmarkat 'UL14'.*

26. *Illi hekk kif l-intimat qed jirsisti li jipproċedi billi jesegwixxi l-atti eżekuttivi a bażi tas-surroga fil-konfront tal-Kumpannija li hija maħtufa minnu, illum ir-rikorrenti jinsab f'perikolu li mhux talli ma jirkuprax id-dannu sostanzjali li għandu jirkupra kaġun tal-aġir abbużiv u illegali ta' l-intimat iżda talli jitlef saħansitra is-sehem tiegħu, li hu l-uniku sors ta' dħul tiegħu.*

*L-atti tal-intimat li dwarhom qed isir ilment permezz ta' dan ir-rikors u r-rimedji mitluba*

27. *Illi l-intimat Desmond Mizzi ħadem b'mod sistematiku u b'azzjoni meqjusa wara l-oħra qed jieħu l-assi tal-Kumpannija daqslikieku din tappartjeni biss lilu. Mill-banda l-oħra d-dejn kollhu tal-istess Kumpannija jippretendi li jagħmel tajjeb għalih, u aktar, ir-rikorrenti, li sal-lum jipposjedi ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma tal-Kumpannija.*

28. *Illi l-intimat Desmond Mizzi bħala direttur aġixxa b'mala fede u b'kunflitt ta' interess sabiex jiggwadanja hu u kumpanniji tiegħu li fihom ir-rikorrenti ma għandu l-ebda sehem.*

29. *Illi minkejja li ssejħu numru ta' laqgħat tal-bord tad-diretturi u tal-azzjonisti tal-Kumpannija is-sitwazzjoni dejjem tiggrava u sejra għall-agħar u llum ir-rikorrenti jinsab fir-riskju li jitlef kollox jekk ma jsalvax il-porzjon tiegħu fil-Kumpannija tramite dawn il-proċeduri ġudizzjarji.*

30. *Illi għandu jirriżulta evidenti li jissussistu l-ementi kollha għal azzjoni taħt l-artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu illi l-intimat Desmond Mizzi bħala d-direttur uniku tal-Kumpannija, personalment u / jew tramite entitajiet tiegħu, qiegħed imexxi u jamministra u x'aktarx ser ikompli jmexxi u jamministra l-affarijiet tal-Kumpannija b'mod li l-atti u / jew ommissjonijiet kienu, huma u x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux ġust u diskriminatorju kontra u / jew b'mod mhux ġust għar-rikorrenti bħala azzjonista tal-Kumpanija.*

31. *Illi l-aġir ta' l-intimat Desmond Mizzi għandu wkoll jikkostitwixxi ulterjorment ksur tal-obbligi tiegħu kwa direttur tal-Kumpanija skont l-Artikolu 136A tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u ksur tal-obbligi fiduċjarji tiegħu skont l-artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

32. *Illi dawn il-proċeduri mhumiex intiżi bl-ebda mod u manjiera sabiex jissostitwixxu jew joħolqu xi kunflitt ma dak mitlub mir-rikorrenti bil-proċeduri ġudizzjarji surreferiti quddiem Qrati oħra, lanqas sabiex jissostitwixxu jew joħolqu xi kunflitt mal-irwol li għalih ġew maħtura l-mandatarji lura fl-2005, iżda pjuttost sabiex jikkumplimentaw dawk l-istess proċeduri u mill-ambitu tal-liġi li tirregola l-governanza tal-Kumpanniji jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Kumpannija u kif ukoll l-interessi tar-rikorrenti mill-azzjonijiet bla skrupli tal-intimat Desmond Mizzi.*

33. *Illi l-Ftehim tal-2005, li għadu viġenti, jagħti stampa ċara dwar x'kellhu jsir mill-assi u d-djun tal-Kumpannija, kemm fl-interess tal-istess Kumpannija kif ukoll fl-interess tal-membri. Il-prinċipji hemm maqbula u elenkati fi premessa numru għaxra (10) ta' dan ir-rikors għandhom jibqgħu ikunu l-perm u l-pedament li fuqha ssir il-qasma tan-negozju u l-eventwali xoljiment u likwidazzjoni tal-Kumpannija.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju 2021 fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimati u l-kawza giet appuntata ghall-10 ta' Gunju 2021.

Rat illi l-intimati gew notifikati fid-19 ta' Mejju 2021 (vide riferti a tergo fol 126);

Rat ir-risposta tal-intimati Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited tat-8 ta' Gunju 2021 u li permezz taghha ecceppew:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti qegħdin jeċċepixxu l-lis alibi pendens fir-rigward tar-raba' u l-ħames talbiet, li huma intiżi għar-riżarċiment tad-danni allegati mir-rikorrenti, u dana stante li r-rikorrenti qed jagħmlu talba identika, relattivament għall-istess danni li qed jallegaw f'din il-kawża, fil-kawża fl-ismijiet Mizzi Group Limited et v. Desmond Mizzi et, Rikors Ġuramentat Numru 853/2018 MH, li għadha tutt'ora pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (anness Dokk. 'DM1' u 'DM2').*

2. *Illi preliminarjament, din l-azzjoni qed issir fuq il-premessa għal kollox żbaljata li l-ftehim datat 17 ta' Ġunju 2005 għadu viġenti, iżda din il-kwistjoni qed tiġi mistħarrġa fil-kawża fl-ismijiet Desmond Mizzi et v. Unitrade Limited (Rikors Ġuramentat Numru 921/2018 FDP) li għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Illi għalhekk, din l-Onorabbli Qorti għandha tissoprasjedi pendenti l-eżitu ta' l-imsemmija kawża fl-ismijiet Desmond Mizzi et v. Unitrade Limited.*

3. <u>*Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti ratione materiae sabiex tiddeċiedi dwar l-allegazzjonijiet li l-ftehim datat 17 ta' Ġunju 2005*</u>

*għadu vinkolanti stante li din hija kwistjoni ta' natura prettament kontrattwali li teżorbita mill-kompetenza ratione materiae ta' din l-Onorabbli Qorti.*

4. *Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti ratione materiae sabiex tiddeċiedi dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni tal-ftehim datat 17 ta' Ġunju 2005 stante li din hija kwistjoni ta' natura prettament kontrattwali li teżorbita mill-kompetenza ratione materiae ta' din l-Onorabbli Qorti.*[5]

5. *Illi preliminarjament, it-talbiet għad-danni huma preskritti bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili*

6. *Illi preliminarjament, it-talbiet għad-danni huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

7. *Illi preliminarjament ir-rikorrent Joseph Vincent sive Jovan Mizzi m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jistitwixxi din l-azzjoni in kwantu m'huwiex azzjonista ta' Mizzi Group Limited. Kif jirriżulta mir-Rikors Promotur stess, minn fost ir-rikorrenti, hija biss is-soċjetà Unitrade Limited li tikkwalifika bħala azzjonista ta' Mizzi Group Limited.*

8. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jiċħdu kwalsijasi responsabilità għad-danni allegati mir-rikorrenti.*

9. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jiċħdu kwalsijasi addebitu ta' kunflitt ta' interess jew ta' xi vjolazzjoni tal-Artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpanniji jew tal-Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili.*

10. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jiċħdu li huma qatt wettqu xi unfair prejudice b'detriment tar-rikorrenti jew min minnhom.*

11. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu:*

    i. *L-esponenti jiċħdu bil-qawwa kolla l-allegazzjoni li l-esponenti Desmond Mizzi approprja ruħu minn xi flus ta' Mizzi Group Limited jew li altrimenti keċċa lil omm il-partijiet min-negozju.*

    ii. *Jiġi rilevat li kull referenza għall-ftehim datat 5 ta' Novembru 2001 (Dok. 'UL3' anness mar-Rikors promotur) hija irrilevanti stante li r-rikorrenti stess jikkonfermaw fir-Rikors promotur li l-imsemmi ftehim skada.*

    iii. *Jiġi rilevat ulterjorment li l-ftehim datat 17 ta' Ġunju 2005 ma jistax jiġi mwettaq, għar-raġunijiet dedotti fil-kawża fl-ismijiet Desmond Mizzi et v. Unitrade Limited (Rikors Ġuramentat Numru 921/2018 FDP) li għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u konsegwentement l-obbligi u drittijiet naxxenti mill-istess skrittura intemmu.*

[5] Sottolinear tal-Qorti peress illi din is-sentenza parzjali tittratta u tiddeciedi dawn iz-zewg eccezzjonijiet

iv. *Illi fi kwalsijasi każ mhux minnu li xi waħda mill-partijiet fuq il-ftehim tas-17 ta' Ġunju 2005 ħadet xi lott konsistenti f'assi jew djun, jew altrimenti assumiet personalment l-obbligu li tħallas xi djun tal-kumpannija Mizzi Group Limited.*

v. *Illi mhux minnu li l-esponenti Desmond Mizzi ħoloq xi ostakoli sabiex il-Valuation Committee nominat għall-finijiet tal-preċitat ftehim datat 17 ta' Ġunju 2005, ikun jista' jespleta l-inkarigu tiegħu, liema inkarigu fi kwalsijasi każ baqa' qatt ma ntemm u llum ma jistax jiġi mitmum.*

vi. *Illi mhux minnu li l-esponenti Desmond Mizzi ma kienx awtorizzat sabiex jiffirma l-kostituzzjonijiet ta' debitu datati 25 ta' Ġunju 2008. Kif jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Association ta' Mizzi Group Limited (kopja ta' liema hija annessa mar-Rikors promotur bħala Dok. 'UL2') ir-rappreżentanza legali ta' Mizzi Group Limited hija vestita f'kull wieħed miż-żewġ diretturi tal-istess kumpannija.*

vii. *Illi huwa prinċipju bażilari tad-dritt li kulħadd jista' jħallas id-dejn ta' ħaddieħor u għalhekk l-esponenti Desmond Mizzi kellu kull dritt li jħallas id-dejn ta' Mizzi Group Limited u li jiġi surrogat fid-drittijiet ta' HSBC Bank Malta plc fil-konfront ta' Mizzi Group Limited.*

viii. *Illi l-esponenti Desmond Mizzi m'hu qed iwettaq l-ebda unfair prejudice b'detriment għal Mizzi Group Limited u mh'hu qed jagħmel l-ebda użu indebitu mir-riżorsi u l-assi tal-Kumpannija. L-esponenti Desmond Mizzi qiegħed jaġixxi ġudizzjarjament sabiex jitħallas dak dovut lili bħala kreditur ta' Mizzi Group Limited sic et simpliciter.*

ix. *Illi għalhekk m jissussiti l-ebda mala fede jew kunflitt ta' interess u konsegwentement ma tissussisti l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpanniji u/jew tal-Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili.*

x. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda bażi għat-tneħħija tal-esponenti mill-kariga ta' direttur ta' Mizzi Group Limited.*

xi. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda bażi għall-ħruġ ta' xi interim measure hekk kif qed jitolbu r-rikorrenti.*

*Għaldaqstant, jiġi sottomess bir-rispett li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż a karigu tal-istess rikorrenti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 minn fejn jirrizulta illi fuq talba tad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti kienet hatret lil Dr John L. Gauci bhala kuratur sabiex jirrapprezenta l-interessi tas-socjeta' intimata Mizzi Group Limited, u dan a spejjes tar-rikorrenti Joseph Vincent sive Jovan Mizzi u l-intimat Desmond Mizzi fi kwoti ugwali bejniethom.

Rat illi f'dik l-istess seduta, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat illi l-ewwel eccezzjoni (lis alibi pendens) u t-tieni eccezzjoni (talba soprasessjoni) ghandhom jigu decizi f'sentenza in parte u llum qed tinghata sentenza appuntu f'dan ir-rigward.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2021, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet u d-difensuri taghhom ghall-eccezzjoni dwar il-kompetenza *rationae materie* kif sollevata fir-raba' paragrafu tar-risposta tal-intimati msemmija – u kien hemm qbil illi dik l-eccezzjoni tigi deciza qabel ma din il-Qorti, jekk ghandu jkun il-kaz, tesprimi ruha fuq kwalsiasi materja ohra f'din il-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet fir-rigward tal-intimati Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited tat-3 ta' Dicembru 2021 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-10 ta' Jannar 2022.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2022, il-partijiet strahu fuq in-noti minnhom pprezentati u talbu lil Qorti tghaddi ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni kontentuta fir-raba' paragrafu tar-risposta tal-intimati, liema decizjoni qed tinghata hawnekk.

**Ikkunsidrat:**

Illi minkejja dak verbalizzat, il-partijiet fin-noti rispettivi taghhom jaghmlu referenza ghar-raba' paragrafu tar-risposta imma <u>ukoll</u> ghat-tielet paragrafu – u dan jaghmel sens in kwantu illi z-zewg eccezzjonijiet jittrattaw essenzjalment ir-*ratione materie* ta' din il-Qorti.

Illi l-intimati Desmond Mizzi u B.M. Holdings Limited jecepixxu hekk:

> *Illi preliminarjament din il-Qorti hija inkompetenti ratione materie sabiex tiddeciedi dwar allegazzjonijiet li l-ftehim data 17 ta' Gunju 2005 ghandu vinkolanti stante illi din hiija kwistjoni ta' natura prettament kontrattwali li tezorbita mill-kompetenza ratione materie ta' din il-Qorti.*

Ukoll:

> *Illi preliminarjament, din il-Qorti hija inkompetenti ratione materie sabiex tiddeciedi dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni tal-ftehim data 17 ta' Gunju 2005 stante illi din hija kwistjoni ta' natura prettament kontrattwali illi tezorbita mill-kompetenza ratione materie ta' din il-Qorti.*

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Illi l-kompetenza ta' din il-Qorti fl-isfond ta' dan hawnekk diskuss, tirrizulta mill-artikolu 5 tal-Ligi Sussidjarja 12.19 li tirreferi ghall-kawzi kollha relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-kumpanniji.

> *5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.*

Fil-fatt, il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet, fis-sentenza taghha fil-kawza **Ingrid Fiorini vs Anna Zerafa et**,[6] illi *jirriżulta illi, minn natura tal-azzjoni, dina hija azzjoni li tista' taqa' taħt il-parametri tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 et seq, u għalhekk hija talba li messha saret quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)*.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kif sostnew il-Qrati taghna, bhal fil-kaz **Edmund Mugliette et Intertecnica Properties Limited**[7], fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

> *Illi hu ben rikonoxxut illi meta tinsorgi kwestjoni ta' kompetenza u ghal fini li l-Qorti adita tindividwa jekk ghandhiex tali kompetenza ghal raguni tal-materja, hi ghandha, qabel xejn, bhala parti mill-process ta' verifika, thares lejn l-oggett tad-domanda ta' l-attur kif impustata fl-att promotur u tac-cirkustanzi migjuba biex isostnuha. Ma jistax jonqos, pero`, li f' dan l-istharrig l-Qorti adita tiehu rigward ta' dawk l-eccezzjonijiet li minn natura taghhom*

---

[6] 632/2020FDP tal-15 ta' Dicembru 2020

[7] 725/2001PS tat-13 ta' Gunju 2007

*jimpingu fuq id-determinazzjoni tal-kompetenza, kompriz f'dan id-deduzzjonijiet tal-konvenut. Hu in bazi ghal din l-indagini sommarja, u minghajr il-bzonn ta' deliberazzjoni zejda tal-mertu illi l-Qorti ghandha tiddetermina ghal fini ta' ordni processwali jekk prima facie tikkonfigurax il-kompetenza proprja*.

Inoltre`,

Il-Qorti tal-Appell qalet ukoll, fis-sentenza taghha ghall-kawza **Josephine Spiteri vs l-Ufficcju Kongunt**[8] et:

*Illi preliminarjament f'dan l-istadju qed tigi investita l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, senjatament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti, u dan, "ratione materie", ai termini ta' l-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi biex tkun tista' tigi indirizzata din il-vertenza jenhtieg qabel xejn li jigi ezaminat il-limitu tat-termini tar-rikors promotur, u dan, kif issostni l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tas-7 t'Ottubru ta' l-1997, fl-ismijiet Francis Refalo noe vs Jason Azzopardi et fejn sostniet li:*

*"hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterimnaw il-kompetenza taghha", (ara fol 34, Qorti ta' l-Appell, per Onor. Imhallef Philip Sciberras, fl-ismijiet Barbara et vs Konjugi Camilleri et, datata l-1 ta' Dicembru, 2004).*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi minn qari tar-rikors promotur jirrizulta illi r-rikorrenti mill-ewwel ddikjaraw illi l-procedura minnhom mressqa kienet ai termini tal-**artikolu 402 tal-KAP 386**.

L-Artiklu 402 (1) tal-KAP 386 ighid espressament hekk:

*Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew*

[8] 66/2007PS deciza 17.04.2009

*x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.*

Fir-rikors promotur issir referenz ukoll ghall-**artikolu 139A tal-KAP 386** li jitkellem dwar id-dmirijiet tad-Diretturi.

Jirrizulta minn qari tal-premessi, u dan qed jinghad minghajr ma' din il-Qorti qed tesprimi ruhha dwar il-vertenza b'mod jew b'iehor, illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma, fost ohrajn u b'referenza ghall-kumpannija Mizzi Group Limited C-21948, illi l-intimat Desmond Mizzi irrapprezenta il-kumpannija fuq atti pubblici wahdu minghajr awtorizazzjoni, illi l-istess Desmond Mizzi kkawza dannu lill-kumpannija, illi agixxa bi pregudizzju ghall-assi tal-kumpannija u li agixxa b'mala fede u f'kunflitt ta' interess.

Fil-kuntest ta' azzjoni mressaq ai termini tal-artikolu 402 tal-KAP 386, bhal ma hi din, din il-Qorti, jekk tasal biex issib illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghandhom mis-sewwa, allura tista' taghmel ordni taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, hekk kif trid il-ligi:

*(a) li jirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpanija fil-futur; jew*

*(b) jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-għemil ta' xi att propost; jew*

*(c) jeħtieġ lill-kumpanija li tagħmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li tagħmel; jew*

*(d) jipprovdi għax-xiri tal-azzjonijiet ta' xi membri tal-kumpanija minn membri oħra tal-kumpanija jew mill-kumpanija nnifisha u, f'każ ta' xiri mill-kumpanija, għat-tnaqqis li jkun meħtieġ fil-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpanija; jew*

*(e) jordna lill-kumpanija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix proċedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpanija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux proċedimenti tal-qorti f'isem u għan-nom tal-kumpanija; jew*

*(f) jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni; jew*

*(g) ixolji l-kumpanija u jipprovdi għall-istralċ konsegwenzjali tagħha.*

Ukoll ghalhekk, jirrizulta illi t-talbiet maghmula jikkonfiguraw f'decizjoni illi trid tiehu din il-Qorti fid-dawl tal-provi li ghad iridu jitressqu, jekk ikun il-kaz, fil-kuntest tal-premessi mressqa mir-rikorrenti, u ebda Qorti ohra hlief **din**, ma ghandha l-kompetenza illi tiddeciedi din il-vertenza kif proposta.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qeghda tghaddi sabiex tiddeciedi dwar it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited, relattivi ghan-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti, kontenuti fit-tielet u r-raba' paragrafu tal-istess risposta taghhom tat-8 ta' Gunju 2021, billi **tichadhom**.

Bl-ispejjes relatati ghal din is-*sentenza in parte* li ghandhom jkunu a karigu tal-istess intimati msemmija, Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**